Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

24 ta' Marzu, 2009

ATT Nru III ta' l-2009

ATT biex jemenda disposizzjonijiet finanzjarji f'diversi liġijiet.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2009 li Jemenda Disposizzjonijiet Finanzjarji f'Diversi Liġijiet. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I

EMENDA TAL-KODIĊI ĊIVILI

2. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Ċivili u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emenda tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

3. Is-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 1852 tal-Kodiċi għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 1852 tal-Kodiċi.

4. Minflok l-artikolu 1855A tal-Kodiċi, għandu jidħol dan li Sostituzzjoni ta' l-artikolu 1855A tal-Kodiċi.

ġej:

"Regolamenti. 1855A. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi disposizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas.".

TAQSIMA II

EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-PROFESSJONI TA' L-*ACCOUNTANCY*

Emenda ta' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*. Kap. 281.

5. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 fil-verżjoni bil-Malti ta' l-Att prinċipali, id-definizzjoni "prinċipji u prattika ta' *accounting* li jkunu ġeneralment aċċettati", għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati" tfisser il-prinċipji u prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati hekk kif imfissra fir-regolamenti magħmulin mill-Ministru skond l-artikolu 8;".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

7. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (iii), u minnufih wara l-kliem "ta' regolamenti" fil-paragrafu għandhom jiżdiedu l-kliem "jew direttivi";

(b) minnufih wara s-subparagrafu (i) tal-paragrafu, għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ii) kontravvenzjoni ta' xi regolament magħmul jew ta' xi direttiva maħruġa hekk kif meħtieġ b'dan l-Att

meta r-regolament jew id-direttiva jkunu jipprovdu għas-sospensjoni, tħassir, irtirar jew assoġġettar għal kundizzjonijiet ta' *warrant* jew ċertifikat ta' prattika bħala konsegwenza ta' dik il-kontravvenzjoni"; u

(ċ) is-subparagrafi (iii) u (iv) tal-paragrafu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (iv) u (v) rispettivament.

TAQSIMA III

EMENDA TA' L-ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

8. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Kap. 330.

9. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) toħroġ direttiva bil-miktub fejn tkun teħtieġ lid-detentur ta' liċenza jew ta' xi awtorizzazzjoni oħra, u, jew lil xi uffiċjal relattiv, li jagħmel jew li jżomm lura milli jagħmel xi att, inklużi dawk il-projbizzjonijiet, restrizzjonijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttiva; u kull direttiva bħal dik tista' tinħareġ għar-rigward ta' każijiet jew klassijiet ta' każijiet speċifiċi; kull detentur ta' liċenza jew awtorizzazzjoni oħra u, jew l-uffiċjal li l-avviż jiġi indirizzat lilu għandu jobdi, jikkonforma ruħu u jagħti seħħ lil dik id-direttiva fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jew xi ordnijiet jew Regoli", għandhom jidħlu l-kliem "jew kull direttiva jew regola".

TAQSIMA IV

EMENDA TA' L-ATT DWAR *TRUSTS* U *TRUSTEES*

10. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar *Trusts* u *Trustees* u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar *Trusts* u Emenda ta' l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*. Kap. 331.

Trustees, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "*exchange* ta’ investiment rikonoxxut" għandha titħassar; u

(b) minnufih wara t-tifsira "*settlor*" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq regolat" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji;". Kap. 345.

Emenda ta’ l-artikolu 43 ta’ l-Att prinċipali.

12. L-artikolu 43 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tiegħu:

(i) fis-subparagrafu (iv) tiegħu, minflok il-kliem "f’ġurisdizzjoni approvata oħra." għandhom jidħlu l-kliem "f’ġurisdizzjoni approvata oħra; jew"; u

(ii) minnufih wara s-subparagrafu (iv) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(v) persuna li jkollha fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni biex topera depożitarju ċentrali tat-titoli skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji."; u Kap. 345.

(b) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "sigurtajiet elenkati fil-Borża ta’ Malta jew *exchange* oħra ta’ investiment rikonoxxut" għandhom jidħlu l-kliem "sigurtajiet elenkati f’suq regolat f’Malta".

TAQSIMA V

EMENDA TA’ L-ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI

Emenda ta’ l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Kap. 345.

13. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma’ l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali.

14. Fl-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali, fit-tifsira "kumpannija kwotata" minflok il-kliem "kummerċ fuq suq regolat" għandhom

jidħlu l-kliem "kummerċ f'suq regolat".

15. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 37Ċ ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "elenkati fl-artikolu 37(11) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment", għandhom jidħlu l-kliem "elenkati fl-artikolu 17(11) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment". Emenda ta' l-artikolu 37Ċ ta' l-Att prinċipali.

TAQSIMA VI

EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU

16. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Kap. 371.

17. Fit-test Ingliż tal-proviso li hemm mas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "entitled to exercise their rights under European Community Law.", għandhom jidħlu l-kliem "entitled to exercise its rights under European Community Law.". Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

18. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "f'kambju ta' investiment rikonoxxut skond", għandhom jidħlu l-kliem "f'suq regolat skond". Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

19. Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

20. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17B ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jinkludu proċeduri sodi u amministrattivi u ta' kontijiet.", għandhom jidħlu l-kliem "li jinkludu proċeduri amministrattivi u ta' kontijiet sodi.". Emenda ta' l-artikolu 17B ta' l-Att prinċipali.

TAQSIMA VII

EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-KUMPANNIJI

21. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

22. Is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 156 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 156 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għal kumpannija li fid-data tal-bilanċ totali tagħha ma tkunx teċċedi l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stipulati fl-artikolu 185(1)(a). Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, il-Bord ta' l-*Accountancy,* imwaqqaf skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy,* jista' jitlob li l-informazzjoni speċifikata fis-subartikolu (5) għandha tingħatalu f'dak il-perjodu li dan jista' jistabbilixxi għal dak l-għan."; u

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 175 ta' l-Att prinċipali.

23. Minflok l-artikolu 175 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Wiri meħtieġ fin-noti mal-kontijiet.

175. (1) Kontijiet individwali li jiġu mħejjija skond l-artikolu 167 għandhom ikunu juru, fin-noti mal-kontijiet, l-informazzjoni meħtieġa skond prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati flimkien ma' kull informazzjoni oħra li għandha tintwera fihom skond dan l-Att.

(2) Kontijiet konsolidati li jiġu mħejjija skond l-artikolu 170 għandhom ikunu juru, fin-noti mal-kontijiet, l-informazzjoni meħtieġa skond prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati flimkien ma' kull informazzjoni oħra li għandha tintwera fihom skond dan l-Att.".

TAQSIMA VIII

EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI

Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni. Kap. 403.

24. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

25. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "rikonoxxut għal dan l-għan mill-awtorità kompetenti" għandhom jiżdiedu l-kliem "u li jkollha esperjenza prattika adatta bħala attwarju".

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

Kap. 345.

26. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "imniżżla f'xi *exchange* ta' investiment rikonoxxuta", għandhom jidħlu l-kliem "imniżżla f'xi suq regolat skond it-tifsira mogħtija fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji jew f'suq

ekwivalenti f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE".

TAQSIMA IX

EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-PREVENZJONI TA' ABBUŻ FIS-SWIEQ FINANZJARJI

Emenda ta' l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji. Kap. 476.

27. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

28. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "Direttiva dwar is-Sevizzi ta' Investiment" għandha titħassar;

(b) it-tifsira "*exchange* ta' investimenti rikonoxxuti" għandha titħassar; u

(ċ) minflok it-tifsira "suq regolat", għandu jidħol dan li ġej:

" "suq regolat" tfisser:

(a) fil-każ ta' Malta, suq regolat li jkun ingħata awtorizzazzjoni skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, u li jidher fuq il-lista ta' swieq regolati mħejjija u pubblikata mill-Kummissjoni Ewropea skond id-Direttiva 2004/39/KE; Kap. 345.

(b) fil-każ ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE, xi entità li tkun tidher fuq il-lista ta' swieq regolati mħejjija u pubblikata mill-Kummissjoni Ewropea skond id-Direttiva 2004/39/KE;".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

29. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew li hija qbil *off-exchange* skond ir-Regolamenti dwar Negozju barra minn *Exchange*", għandhom jidħlu l-kliem "jew tikkostitwixxi negozju *off-market* skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (*Off-Market Deals*)".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

30. Fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "inkluż il-permess għal *exchange* ta' investimenti rikonoxxut fi jew li qed jopera minn Malta" għandhom jitħassru.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 94 tat-18 ta' Marzu, 2009.

LOUIS GALEA
Speaker

PAULINE ABELA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati